# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru   28**

**Avviz  numru   51/98/SM**

**Carmelo Cachia**

**vs**

**Joseph Micallef**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Jannar ta' l-1998 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Jersaq ghall-likwidazzjoni u eventwali hlas tad-danni minnu sofferti stante incident awtomobilistiku li sehh bejnithom fis-17 ta' Novembru, 1995, fi Triq Dicembru Tlettax, Marsa, u dan stante li tali incident sehh tort unikament tieghu minhabba negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;**

**2. Bl-ispejjez u l-imghax u l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni;**

**3. Illi ai fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat li d-danni subiti ma jeccedux il-hames mitt Lira Maltin, (LM500.00,0);**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-18 ta' Mejju ta' l-1998 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante li l-meritu tal-incident tat-traffiku li sehh bejn il-kontendenti u d-danni konsegwenzjali allegatament sofferti mill-attur gia gew decizi minn dina l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta u dana kif jirrizulta mill-Avviz Nru. 756/96 MM u kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

**2. Illi fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjenti u konsegwentent ma hemm l-ebda danni li ghandhom jigu likwidati, ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;**

**3. Salve eccezzjonijiet ohra;**

**Rat il-verbal tal-konvenut datat l-20 ta' Marzu tas-sena 2000 li permezz tieghu r-rapprezentant legali tal-konvenut informa lill-qorti li kien qed jirtira l-ewwel eccezzjoni minnhu precedentement sollevata;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet biss it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant tal-attur, dak tal-konvenut ma deherx ghall-udjenza rizervata ghal dan l-iskop;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghal din il-procedura jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

1. **Illi l-incident awtomobilistiku de quo sehh fis-17 ta' Novembru ta' l-1995 fi Triq Dicembru Tlettax, il-Marsa kif deskritt fl-avviz li ta' lok ghall-procedura odjerna;**

2. **Illi bil-gurament tieghu l-istess konvenut informa lill-qorti li kien qed isuq il-mutur involut u baqa' diehel fuq wara tal-karozza ta' quddiemhu – dik ta' l-attur;**

3. **Illi d-danni sofferti mill-attur jammontaw komplessivament ghall-mija u sitta u sittin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (LM166.75,0);**

4. **Illi l-attur ghadu ma thallasx ta' dawn id-danni lilhu kkagunati;**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li l-attur ipprova l-kaz tieghu skond il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut:**

1. **Tiddikjara lill-konvenut Joseph Micallef unikament responsabbli ghall-incident meritu ta' din il-procedura;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attur komplessivament fl-ammont ta' mija u sitta u sittin Lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu, (LM166.75,0);**

3. **Tikkundanna lill-konvenut Joseph Micallef ihallas lill-attur Carmelo Cachia l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**